MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Numru. 123/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Pierre Grech**
**vs**
**Rachel Mifsud**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rachel Mifsud bint Joseph Mifsud u Maria nee' Micallef mwielda Pieta fil-25 ta' Marzu 1988 u residenti Dar il-Bronja, Triq il-Fraxxnu San Giljan, ID 178588M.**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Gunju 2008 u matul l-ahhar tliet xhur qabel din id-data ttraffikat, bieghhet, qassmet jew offriet li titraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (extacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijitat ta' l-Ordinanza dwar il-**

**Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.**

**Ukoll talli kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (extacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, AL 22/1985 kif emendati.**

**Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17H tal-Kap 9 kif wkoll ir-Regolament 3(1) ta’ l-AL 22/1985, l-Artikoli 40 A, 120 A (1) (a), 120 A (2)(b) (i) u (ii), 120A (1) (b) u 120 A (2) (b) tal-Kap 31 ssib lill-imptuata hatja taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieha bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta’ l-Artikolu 17H tal-kap 9. L-imputata ghenet sew lill-pulizija u ghal hekk hija tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 li ghalih jikkorrispondi l-Artikolu 120 (2) (b) tal-kap 31. Barra minn hekk hija ghandha fedina penali nadifa. Ghal hekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata ghal xahar prigunerija u ghal hlas ta’ multa ta’ 233 Euro, liema multa tista tithallas b’rati ta’ 40 Euro fix-xahar. Jekk xi parti ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro mhux imhallsin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------